

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► B ID-DIRETTIVA 2002/32/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
tas-7 ta' Mejju 2002
dwar sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf ta' l-animali
 (ĠU L 140, 30.5.2002, p. 10)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/57/KE tas-17 ta' Ġunju 2003	L 151	38	19.6.2003
► <u>M2</u>	Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/100/KE tal-31 ta' Ottubru 2003	L 285	33	1.11.2003
► <u>M3</u>	Direttiva tal-Kummissjoni 2005/8/KE tas-27 ta' Jannar 2005	L 275M	124	6.10.2006
► <u>M4</u>	Direttiva tal-Kummissjoni 2005/86/KE tal-5 ta' Diċembru 2005	L 321M	318	21.11.2006
► <u>M5</u>	Direttiva tal-Kummissjoni 2005/87/KE tal-5 ta' Diċembru 2005	L 321M	321	21.11.2006
► <u>M6</u>	Direttiva tal-Kummissjoni 2006/13/KE tat-3 ta' Frar 2006	L 330M	97	28.11.2006
► <u>M7</u>	Direttiva tal-Kummissjoni 2006/77/KE tad-29 ta' Settembru 2006	L 314M	254	1.12.2007
► <u>M8</u>	Direttiva tal-Kummissjoni 2008/76/KE tal-25 ta' Lulju 2008	L 198	37	26.7.2008
► <u>M9</u>	Direttiva tal-Kummissjoni 2009/8/KE tal-10 ta' Frar 2009	L 40	19	11.2.2009
► <u>M10</u>	Regolament (KE) Nru 219/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009	L 87	109	31.3.2009
► <u>M11</u>	Direttiva tal-Kummissjoni 2009/124/KE tal-25 ta' Settembru 2009	L 254	100	26.9.2009
► <u>M12</u>	Direttiva tal-Kummissjoni 2009/141/KE tat-23 ta' Novembru 2009	L 308	20	24.11.2009
► <u>M13</u>	Direttiva tal-Kummissjoni 2010/6/UE tad-9 ta' Frar 2010	L 37	29	10.2.2010
► <u>M14</u>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 574/2011 tas-16 ta' Ġunju 2011	L 159	7	17.6.2011
► <u>M15</u>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 277/2012 tat-28 ta' Marzu 2012	L 91	1	29.3.2012
► <u>M16</u>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 744/2012 tas-16 ta' Awwissu 2012	L 219	5	17.8.2012
► <u>M17</u>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 107/2013 tal-5 ta' Frar 2013	L 35	1	6.2.2013
► <u>M18</u>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1275/2013 tas-6 ta' Diċembru 2013	L 328	86	7.12.2013



**ID-DIRETTIVA 2002/32/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U
TAL-KUNSILL**

tas-7 ta' Mejju 2002

dwar sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf ta' l-annimali

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li qiesu t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 152(4)(b) tiegħu,

Wara li qiesu l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li qiesu l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽³⁾, fid-dawl tal-kitba kombinata approvata mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fis-26 ta' Marzu 2002,

Billi:

- (1) Hemm bżonn li jsiru bosta emendi lid-Direttiva tal-Kunsill 1999/29/KE tat-22 ta' April 1999 dwar is-sustanzi mhux mixtieqa u prodotti fin-nutrizzjoni ta' l-annimali ⁽⁴⁾. Fl-interess tal-kjarezza u ta' l-effiċjenza d-Direttiva msemmija għandha tkun ifformulata mill-ġdid.
- (2) It-trobbija ta' l-annimali tokkupa parti mportanti ħafna fil-biedja fil-Komunità u riżultati sodisfaċenti fejn għandhom x'jaqsmu s-saħħa pubblika u ta' l-annimali, is-saħħa ta' l-annimali, l-ambjent u l-finanzi tal-produtturi jiddependu ħafna fuq l-użu ta'għalf ta' kwalità tajba.
- (3) Hemm bżonn ta' regoli dwar l-għalf sabiex tkun żgurata l-produktivita u s-sostenibilita agrikola u jagħmluha possibli li tkun żgurata s-saħħa pubblika u ta' l-annimali, s-saħħa ta' l-annimali u l-ambjent. Barra minn hekk, hemm il-bżonn ta' regolazzjoni komprensiva dwar l-iġene sabiex tkun garantita l-kwalità t-tajba ta' l-għalf fuq l-irziezet individwali anke meta ma jkunux prodotti kummerċjalment.

⁽¹⁾ ĠU C 89 E, tat-28.3.2000, p. 70 and ĠU C 96 E, tas-27.3.2001, p. 346.

⁽²⁾ ĠU C 140, tat-18.5.2000, p. 9.

⁽³⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' 1-4 t'Ottubru 2000 (ĠU C 178, tat-22.6.2001, p. 160), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tas-17 ta' Settembru 2001 (ĠU C 4, tas-7.1.2002, p. 1) u Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2001 (mhux publikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' 1-10 t'April 2002 u Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 t'April 2002.

⁽⁴⁾ ĠU L 115, ta' 1-4.5.1999, p. 32.

▼B

- (4) L-istess regoli li jikkonċernaw il-kwalità u s-sigurta tal-prodotti ntiżi għal l-għalf ta' l-annimali għandhom japplikaw għal kwalità u s-sigurta ta' l-ilma kkonsmati mill-annimali. Minkejja li d-definizzjoni ta' għalf ma teskludix l-ilma milli jkun meqjus bħala għalf, mhux inkluż fil-lista mhux sħiħa tal-materjali ta' l-għalf skond Direttiva tal-Kunsill 96/25/KE tad-29 t'April 1996 dwar iċ-ċirkulazzjoni u l-użu ta' l-għalf⁽¹⁾. Il-kwistjoni dwar jekk l-ilma għandux jitqies bħala għalf għandha bżonn tkun eżaminata fid-dawl ta' dik id-Direttiva.
- (5) Ġie determinat li l-addittivi jista' jkun fihom sustanzi mhux mixtieqa. L-iskop tad-Direttiva għandu jkun estiż biex ikopri l-addittivi.
- (6) Prodotti intiżi bħala għalf ta' l-annimali jista' jkun fihom sustanzi mhux mixtieqa li jistgħu jipperikolaw is-saħħa ta' l-annimal jew, minhanna l-preżenza tagħhom fi prodotti ta' l-annimali, is-saħħa umana jew l-ambjent.
- (7) Huwa impossibli li telimina kompletament il-preżenza ta' sustanzi mhux mixtieqa pero huwa mportanti li l-kontenut tagħhom fi prodotti intiżi għal għalf ta' l-annimali jkun mnaqqas, b'attenzjoni xierqa lejn it-tossiċità akuta tas-sustanzi, il-bijoakkumulabilita u degrabilita, sabiex ikunu evitati effetti mhux mixtieqa je wli jagħmlu ħsara. Huwa fil-preżent mhux xieraq li jkun iffissat dan il-kontenut taħt il-livelli li jistgħu jkunu jdentifikati b'metodi t'analiżi l;I għandhom ikunu definiti għal Komunità.
- (8) Il-metodi sabiex ikunu jdentifikati reżidiw ta' sustanzi mhux mixtieqa qed isiru dejjem aktar sofistikati, sabiex anke kwantitajiet ta' reżidwi li hma negliġibli għas-saħħa umana u ta' l-annimali jkunu jistgħu jinstabu.
- (9) Sustanzi mhux mixtieqa jistgħu jkunu preżenti fi prodotti ntiżi għal għalf ta' l-annimali skond il-kondizzjonijiet imniżżla f'din id-Direttiva biss u ma jistgħux jintużaw b'xi mod ieħor għal l-għan t'għalf ta' l-annimali. Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr ma taffetwa dispożizzjonijiet Komunitarji oħra dwar l-għalf, u b'mod partikolari r-regoli applikabli għal għalf kompost.
- (10) Din id-Direttiva għandha tapplika għal prodotti intiżi għal għalf ta' l-annimali hekk kif jidħlu fil-Komunità. Għandu għal daqs tant ikun stipulat li l-livelli massimi ta' sustanzi mhux mixtieqa li għandhom japplikaw b'mod ġenerali mid-data li fiha l-prodotti intiżi għal għalf ta' l-annimali jkunu mpoġġija fiċ-ċirkulazzjoni jew għal użu, f'kull stadju, u b'mod partikolari hekk kif ikunu mportati.
- (11) Prodotti ntiżi għal għalf ta' l-annimali għandhom ikunu sodi, ġenwini u ta' kwalità tajba għas-suq u għal daqs tant meta jkunu wżati b'mod korrett m'għandhomx jippreżentaw periklu lis-saħħa tal-bniedem, s-saħħa ta' l-annimali jew lill-ambjent jew taffetwa ħażin il-produzzjoni ta' l-annimali. L-użu jew tpoġġija fis-suq ta' prodotti ntiżi għal għalf ta' l-annimali li fihom livelli ta' sustanzi mhux mixtieqa li jeċċedu l-liveli massimi speċifikati f'L-Anness I għandhom għal daqs tant ikunu projbiti.

⁽¹⁾ ĠU L 125, tat-23.5.1996, p. 35. Direttiva kif l-aħħar emendata mill-Parlament Ewropew u d-Direttiva tal-Kunsill 2000/16/KE (ĠU L 105, tat-3.5.2000, p. 36).

▼B

- (12) Il-preżenza ta' ċerti sustanzi mhux mixtieqa f'għalf komplimentari trid tkun limitata bl-iffissar ta' livelli massimi approprijati.
- (13) Filwaqt li f'ċerti każi hemm livell massimu ffissat, jikkonsidera l-livell fl-isfond, għad hemm bżonn ta' sforzi biex tkun ristretta l-preżenza ta' ċerti sustanzi mhux mixtieqa speċifiċi għal l-aktar livelli baxxi possibbli fi prodotti ntiżi għal għalf ta' l-annimali sabiex tkun imnaqqa l-preżenza ta' l-għalf u tal-katina ta' l-ikel. Għandu għal daqs tant ikun permess, taħt din id-Direttiva, li jkunu speċifikati limiti t'azzjoni li jkunu l'isfel sewwa mill-livelli massimi ffissati. Fejn tali limiti t'azzjoni jinqabżu, l-investigazzjonijiet għandhom isiru sabiex ikunu identifikati r-riżorsi tas-sustanzi mhux mixtieqa u jittieħdu passi biex ikunu mnaqqa jew eliminati tali sorsi.
- (14) Fejn is-saħħa ta' l-annimal jew umana jew l-ambjent ikunu perikolati, l-Istati Membri għandhom ikunu mħalla temporanjament inaqqsu l-livelli fissi massimi permissibbli, li jiffissaw il-livelli massimi għal sustanzi oħra je wli jipprojbixxu l-preżenza ta' tali sustanzi fi prodotti intiżi għal għalf ta' l-annimali. Sabiex tkun żgurata applikazzjoni uniformi, kwalunkwe emendi għal l-Anness I ta' din id-Direttiva għandhom ikunu deċiżi minn proċeduri t'emerġenza Komunitarji, fuq il-bażi ta' dokumentazzjoni li tissapportja u l-prinċipju ta' prekawzjoni.
- (15) Prodotti ntiżi għal għalf ta' l-annimali li jissodisfaw r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva m'għandhomx ikunu suġġetti għal restrizzjonijiet mad-dħul fiċ-ċirkolazzjoni, fejn għandu x'jaqsam il-livell ta' sustanzi mhux mixtieqa li jkun fihom, barra minn dawk provduti f'din id-Direttiva u f'Direttiva tal-Kunsill 95/53/KE tal-25 t'Ottubru 1995 li ffissaw l-prinċipji li jiggvernaw l-organizzazzjoni ta' spezzjonijiet uffiċjali fil-qasam ta' l-ikel ta' l-annimali ⁽¹⁾
- (16) L-Istati Membri għandhom joħlqu arranġamenti ta' moniteraġġ xierqa skond Direttiva 95/53/KE sabie xjiżguraw li r-rekwiżiti dwar sustanzi mhux mixtieqa jintlaħqu meta prodotti ntiżi għal għalf ta' l-annimali jintużaw je wikunu ċirkolati.
- (17) Proċedura Komunitarja xierqa hi meħtieġa sabiex ikunu addottati d-dispożizzjonijiet tekniċi fl-Annessi ta' din id-Direttiva fid-dawl ta' żviluppi fil-ħsieb xjentifiku u teknoloġiku.
- (18) Sabiex tkun faċilitata l-implimentazzjoni tal-miżuri proposti, għandu jkunu hemm proċedura ta' ko-operazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat Permanenti għal l-għalf imwaqqaf b'Deċiżjoni 70/372/KEE ⁽²⁾.
- (19) Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom ikunu addottati skond Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tispeċifika l-proċeduri għall-eżerċizzju ta' l-implimentazzjoni tas-setgħat li mgħonija bihom il-Kummissjoni ⁽³⁾,

⁽¹⁾ ĠU L 265, tat-8.11.1995, p. 17. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2001/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 234, ta' l-1.9.2001, p. 55).

⁽²⁾ ĠU L 170, 3.8.1970, p.1.

⁽³⁾ ĠU L 184, 17.7.1999, p.23

▼B

ADDOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. Din id-Direttiva titratta dwar sustanzi mhux mixtieqa fi prodotti intenzjonati għall-għalf ta' l-annimali.

2. Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet:

- (a) tad-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE ta' 23 ta' Novembru 1970 dwar l-addittivi fl-għalf ta' l-annimali ⁽¹⁾;
- (b) tad-Direttiva tal-Kunsill 96/25/KE u d-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar it-tpoġġija fis-suq tal-għalf ta' l-annimali mħallat ⁽²⁾;
- (c) tad-Direttiva tal-Kunsill 76/895/KEE tat-23 ta' Novembru 1976 dwar l-iffissar ta' livelli massimi tar-residwi tal-pestiċidi fil- jew fuq il-frott u l-ħaxix ⁽³⁾, Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE ta' 1-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar ta' livelli massimi tar-residwi tal-pestiċidi fiċ-ġew fuq iċ-ċereali ⁽⁴⁾, id-Direttiva tal-Kunsill 86/363/KEE ta' 1-24 ta' Lulju 1986 fuq l-iffissar ta' livelli massimi tar-residwi tal-pestiċidi fil- jew fuq l-għalf ta' l-annimali li joriġina mill-annimali ⁽⁵⁾ u d-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 ta' Novembru 1990 dwar l-iffissar ta' livelli massimi f' jew fuq ċertu prodotti li joriġinaw mill-pjanti, li jinkludu frott u ħaxix ⁽⁶⁾, fejn dawn ir-residwi mhumiex elenkati fl-Anness I ta' din id-Direttiva;
- (d) tal-leġislazzjoni Komunitarja dwar kwistjonijiet veterinarji li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa pubblika u ta' l-annimali;
- (e) Direttiva tal-Kunsill 82/471/KEE tat-30 ta' Ġunju 1982 dwar ċerti prodotti wżati fl-ikel ta' l-annimali ⁽⁷⁾;
- (f) Direttiva tal-Kunsill 93/74/KEE tat-13 ta' Settembru 1993 dwar għalf intiż għal għanijiet partikolari ta' nutrizzjoni ⁽⁸⁾.

⁽¹⁾ ĠU L 270, 14.12.1970, p.1. Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2205/2001 (ĠU L 297, 15.11.2001, p.3).

⁽²⁾ ĠU L 86, 6.4.1979, p.30 Direttiva kif l-aħħar emendata mill-parlament Ewropew u d-Direttiva tal-Kunsill 2002/2/KE (ĠU L 63, 6.3.2002, p.23).

⁽³⁾ ĠU L 340, 9.12.1976, p.26. Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/57/KE (ĠU L 244, 29.9.2000, p.76).

⁽⁴⁾ ĠU L 221, 7.8.1986, p.37. Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/23/KE (ĠU L 64, 7.3.2002, p.13).

⁽⁵⁾ ĠU L 221, 7.8.1986, p.43. Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 2002/23/KE

⁽⁶⁾ ĠU L 350, 14.12.1990, p.71. Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/23/KE

⁽⁷⁾ ĠU L 213, tal-21.7.1982, p. 8. Direttiva kif l-aħħar mendata minn Direttiva 1999/20/KE (ĠU L 80, tal-25.3.1999, p. 20).

⁽⁸⁾ ĠU L 237, tat-22.9.1993, p. 23. Direttiva kif l-aħħar emendata minn Direttiva 1999/29/KE (ĠU L 115, ta' 1-4.5.1999, p. 32).

▼B

Artikolu 2

Għal l-għanijiet ta' din id-Direttiva:

- (a) 'għalf' għandha tfisser prodotti li joriġinaw mill-ġaxix je wmill-animali, fl-Istat naturali tagħhom, friski jew preservati, u prodotti li ġejjin minn proċessar industrijali, jew sustanzi organiċi jew mhux organiċi, użati waħidhom jew f'taħlitiet, bl-addittivi jew le, għal l-għalf ta' l-animali mill-ħalq;
- (b) ċmaterjal tal-ikel' għandha tfisser diversi prodotti li joriġinaw mill-ħaxix jew mill-animali, fl-istat naturali tagħhom, friski jew preservati, u prodotti li ġejjin minn proċessar industrijali, jew sustanzi organiċi jew mhux organiċi, użati waħidhom jew f'taħlitiet, bl-addittivi jew le, li huma ntiżi għal l-għalf ta' l-animali bil-ħalq jew direttament jew wara l-ipproċessar, fil-preparazzjoni t'għalf kompost jew bħala sotto-strati għal taħlitiet ġa lesti;
- (ċ) 'addittivi' għandha tfisser addittivi kif imfissra fl-Artikolu 2(a) ta' Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE;
- (d) 'taħlitiet ġa lesti' għandha tfisser taħlitiet t'addittivi jew taħlitiet ta' wieħed jew altar addittivi b'sustanzi wżati bħala li jgħorru, intiżi għal produzzjoni ta' l-għalf;
- (e) 'għalf kompost' għandu jfisser taħlitiet ta' materjal ta' l-ikel, bl-addittivi jew mingħajru, li huma ntiżi għal l-għalf ta' l-animali mill-ħalq bħala għalf sħiħ jew komplimentari;
- (f) 'għalf komplimentari' għandu jfisser taħlitiet t'għalf li fihom kontenut għoli ta' ċerti sustanzi u li, minħabba l-kompożizzjoni tagħhom, huma suffiċjenti għal porzjon ta' kuljum jekk użati ma għalf ieħor;
- (g) 'għalf komplut' gġandha tfisser taħlitiet li, minħabba l-kompożizzjoni tagħhom, huma biżżejjed għal porzjon waħda kuljum;
- (h) 'prodotti intiżi bħala għalf ta' l-animali' għandhom ifissru materjali ta' l-ikel, taħlitiet ġa lesti, addittivi, għalf u l-prodotti l-oħra kollha intiżi għal użu jew użati fl-ikel ta' l-animali;
- (i) 'porzjon ta' kuljum' tfisser il-kwantitja totali medja t'għalf, kallkulat fuq kontenut imxarrab ta' 12 %, li hu meħtieġ ta' kuljum minn animal ta' speċi speċifika, eta u produzzjoni, sabiex ikunu sodisfatti l-bżonnijiet kollha tiegħu;
- (j) 'animali' għandha tfisser animali li jappartjenu lil speċi li normalment tintema u tinżamm jew tkun ikkonsumata mill-bniedem kif ukoll animali slavaġġ li jgħixu ħielsa jekk ikunu mitmghuha l-għalf;
- (k) 'tpoġġija fiċ-ċirkolazzjoni' jew ċċirkolazzjoni' għandha tfisser iż-żamma ta' prodotti għal l-għan ta' bejgħ, inklużi offerti għal bejgħ, jew kwalunkwe forma oħra ta' trasferiment, kemm jekk ħieles u kemm jekk le, lil terzi partijiet, je wil-bejgħ jew forom oħra ta' trasferimenti fihom infushom;
- (l) 'sustanzi mhux mixtieqa' għandha tfisser kwalunkwe sustanza jew prodott, bl-eċċezzjoni t'aġenti patoġeniċi, li hi preżenti fi u/jew fuq il-prodott intiż għal l-għalf ta' l-animali u li jippreżenta periklu potenzali lis-saħħa ta' l-animali jew umana jew lill-ambjent jew li jista' jaffetwa ħażin il-produzzjoni ta' l-animali.



Artikolu 3

1. Prodotti intiżi għal għalf ta' l-annimali jistgħu jidħlu għal użu fil-Komunità minn terzi pajjiżi, jitpoġġew fiċ-ċirkolazzjoni u/jew ikunu wżati fil-Komunità jekk huma sodi, ġenwini u ta' kwalità tajba għal bejgħ biss u għal daqs tant meta wżati kif suppost ma jirrapreżentaw l-ebda periklu għas-saħħa tal-bniedem, s-saħħa ta' l-annimali jew għal ambjent jew jaffetwa ħażin il-produzzjoni ta' l-annimali.

2. B'mod partikolari, prodotti intiżi bħala għalf ta' l-annimali għandhom ikunu meqjusa li mhumiex konformi ma paragrafu 1 jekk il-livell ta' sustanzi mhux mixtieqa li jkun fihom ma jkunx konformi mal-livelli massimi mniżżla f'L-Anness I.

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom jippreskrivu li s-sustanzi mhux mixtieqa mniżżla f'L-Anness I jistgħu jkunu tollerati fi prodotti intiżi bħala għalf ta' l-annimali suġġetti għal kondizzjonijiet imniżżla hawn.

2. Sabiex ikunu mnaqqa jew elimintati sorsi ta' sustanzi mhux mixtieqa fi prodotti intiżi bħala għalf ta' l-annimali, l-Istati Membri, f'ko-operazzjoni ma l-operaturi ekonomiċi, għandhom iwettqu investigazzjonijiet sabiex ikunu jidentifikati sorsi ta' sustanzi mhux mixtieqa, f'każijiet fejn il-livelli massimi jinqabżu u f'każijiet fejn livelli miżjuda ta' tali sustanza huma miżjuba, filwaqt li jqisu l-livelli ta' l-isfond. Sabiex ikun hemm approċċ uniformi f'każijiet ta' livelli miżjuda jista' jkun hemm il-bżonn li jkunu speċifikati limiti t'azzjoni sabie xjibdedw tali investigazzjonijiet. Dawn jistgħu jkunu speċifikati f'L-Anness II.

L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra kull informazzjoni rilevanti u skoperti tas-sors u tal-miżuri meħuda sabie xikun imnaqqas il-livell ta' sustanzi mhux mixtieqa. Din l-informazzjoni għandha tkun trasmessa fil-qafas tar-rapport annwali li għandu jkun trażmess lill-Kummissjoni skond id-dispożizzjonijiet t'L-Artikolu 22 ta' Direttiva 95/53/KE minbarra f'dawk il-każijiet fejn l-informazzjoni hi ta' relevanza immedjata għall-Istati Membri l-oħra. Fil-każ ta' l-aħħar, l-informazzjoni għandha tkun trażmessa immedjatament.

Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom jippreskrivu li prodotti intiżi bħala għalf ta' l-annimali li fihom livelli ta' sustanzi mhux mixtieqa li jeċċedu l-livell massimu ffissat f'L-Anness I ma jistgħux jitħaltu għal diluzzjoni bl-istess prodotti, jew bi prodotti oħra intiżi bħala għalf ta' l-annimali.

Artikolu 6

Sa fejn ma hemm l-ebda dispożizzjonijiet speċjali għal għalf komplimentari, l-Istati Membri għandhom jippreskrivu li għalf komplimentari ma jistax, fil-waqt li wiħed iqis il-proporzjon preskritt għal użu f'razzjon ta' kuljum, ikun fih livelli tas-sustanza mhux mixtieqa mniżżla f'L-Anness I li jeċċedu dawn iffissati għal għalf komplut.

▼B*Artikolu 7*

1. Fejn Stat Membru għandu bażi, bażata fuq informazzjoni jew asseesse mil ġdid t'informazzjoni eżistenti magħmula minn informazzjoni ġa eżistenti magħmula minn meta d-dispożizzjonijiet inkwistjoni kienu addottati, li juru li livell massimu ffissat f'L-Anness I jew xi sustanza mhux mixtieqa mhux innizzla hawn tippreżenta periklu lis-saħħa umana jew ta' l-animall jew lill-ambjent, dak l-Istat Membru jista' proviżjonalment inaqqas il-livell massimu, jiffissa livell massimu jew jipprojbixxi l-preżenza ta' dik is-sustanza mhux mixtieqa fi prodotti ntiżi bħala għalf ta' l-animalli. Għandu jinforma minnu fih lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni, u jgħid x'inhi l-bażi ta' din id-deċiżjoni.

▼M10

2. Għandha tittieħed deċiżjoni immedjata dwar jekk l-Annessi I u II għandhomx jiġu emendati. Dawk il-miżuri, mfasla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 11(4).

▼B

Sa fejn la l-Kunsill u l-anqas il-Kummissjoni ma jkunu ħadu deċiżjoni, l-Istat Membru jista' jżomm il-miżuri li jkun implimenta.

L-Istat Membru għandu jiżgura li d-deċiżjoni li tkun ittieħded tkun magħmula pubblika.

*Artikolu 8***▼M10**

1. Il-Kummissjoni għandha tadatta l-Annessi I u II fid-dawl tal-iżviluppi fl-għarfien xjentifiku u tekniku. Dawk il-miżuri, mfasla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(3). Għal raġunijiet ta' urġenza imminenti, il-Kummissjoni tista' tirrikorri għall-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 11(4) bil-għan li jiġu adottati dawk l-emendi.

2. Barra minn hekk il-Kummissjoni:

— għandha tadotta perijodikament verżjonijiet konsolidati tal-Annessi I u II li jkunu jinkorporaw fihom kwalunkwe adattament magħmul skont il-paragrafu 1, f'konformità mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 11(2),

— tista' tiddefinixxi kriterji ta' aċċettabilità għall-proċessi ta' ditossifikazzjoni li jiżdiedu mal-kriterji previsti għall-prodotti mmirati għall-għalf tal-animalli li kienu sottomessi għal dawn il-proċessi. Dawk il-miżuri, mfasla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(3).

▼B

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri sabiex tkun garantita l-applikazzjoni korretta ta' kwalunkwe proċessi aċċettabli skond paragrafu 2 u l-konformita tal-prodotti de-tossifikati ntiżi bħala għalf ta' l-animalli skond id-dispożizzjonijiet t'L-Anness I.

Artikolu 9

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li prodotti ntiżi bħala għalf ta' l-animalli li jikkonformaw ma din id-Direttiva ma jkunux suġġetti għal xi restrizzjonijiet oħra rigward ċirkolazzjoni fejn tidħol il-preżenza ta' sustanzi mhux mixtieqa barra minn dawk provduti f'din id-Direttiva u Direttiva 95/53/KE.

▼B*Artikolu 10*

Id-dispossizzjonijiet li jista' jkollhom effett fuq is-saħħa pubblika jew ta' l-annimali jew fuq l-ambjent għandhom jkunu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat(i) tax-Xjenza kompetenti.

▼M10*Artikolu 11*

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat Permanenti għall-Għalf tal-Annimali, imwaqqaf bl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 70/372/KEE ⁽¹⁾.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

4. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5(1), (2), (4) u (6) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

▼B*Artikolu 13*

1. L-Istati Membri għandhom japplikaw minn ta' l-anqas id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għal prodotti ntiżi bħala għalf ta' l-annimali prodott fil-Komunità li għandu jkun esportat lejn terzi pajjiżi.

2. Paragrafu 1 m'għandux jaffetwa d-dritt ta' l-Istati Membri li jawtorizzaw ir-ri-esportazzjoni taħt il-kondizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 12 ta' Regolament (KE) Nmr 1782002 ⁽²⁾. Id-dispożizzjonijiet t'L-Artikolu 20 tiegħu għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

Artikolu 14

1. Direttiva 1999/29/KE hija abrogata mill-1 t'Awwissu 2003, mingħajr preġudizzju lejn l-obbligi ta' l-Istati Membri li jikkonformaw maż-żmien t'għeluq inizzla f'Parti B t'L-Anness III għat-tranpożizzjoni tad-Direttivi mniżżla f'Parti A ta' dak l-Anness.

2. Referenzi għal Direttiva 1999/29/KE għandhom jinfthemu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandha tinqara skond it-tabellun ta' korrelazzjoni f'L-Anness III.

⁽¹⁾ ĠU L 170, 3.8.1970, p. 1.

⁽²⁾ Regolament (KE) Nmr 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jispeċifika l-prinċipji u r-rekwiżiti ġenerali tal-liġi ta' l-ikel, li waqqaf l-Awtorita Ewropea dwar is-Sigurta ta' l-Ike u li tispeċifika proċeduri f'materji ta' saħħa ta' l-ikel (ĠU L 31, ta' l-1.2.2002, p. 1).

*Artikolu 15*

L-Istati Membri għandhom jaddottaw u jipublikaw il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex ikunu konformi ma din id-Direttiva qabel l-1 ta' Mejju 2003. Dawn għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni minnu fih.

Il-miżuri addottati għandhom japplikaw mill-1 t'Awwissu 2003.

Meta l-Istati Membri jaddottaw dawn il-miżuri, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkompanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura biex issir tali referenza għandha tkun addottata mill-Istati Membri.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-kitba tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jaddottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 16

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 17

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

▼ **M14**

ANNEX I

LIVELLI MASSIMI TA' SUSTANZI MHUX MIXTIEQA, KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 3(2)

TAQSIMA I: KONTAMINANTI INORGANIĊI U KOMPOSTI NITROĠENIĊI

▼ **M18**

Sustanza mhux mixtieqa	Prodotti maħsuba għall-għalf tal-annimali	Livelli massimi f' mg/kg (ppm) relatati ma' għalf b' kontenut tal-ilma ta' 12 %
1. Arseniku (¹)	<p>Materjali tal-għalf</p> <p>ħlief:</p> <ul style="list-style-type: none"> — smida magħmula minn ħaxix, minn xnien imnixxef u minn silla mnixxfa, u polpa mnixxfa tal-pitravi zokkrija u polpa mnixxfa tal-pitravi zokkrija tal-molassa, — l-espellent tal-qalba tal-palm, — il-fosfati u l-algi kalkarji tal-baħar, — il-karbonat tal-kalċju; il-karbonat tal-kalċju u tal-manjeżju (¹⁰), — l-ossidu tal-manjeżju; il-karbonat tal-manjeżju, — ħut, annimali oħra tal-baħar u prodotti li ġejjin minnhom, — smida tal-alka tal-baħar u materjali tal-għalf li ġejjin mill-alka tal-baħar. <p>Partikuli tal-ħadid użati bħala traċċatur.</p> <p>Addittivi tal-għalf li jappartjenu għall-gruppi funzjonali ta' komposti ta' elementi traċċa</p> <p>ħlief:</p> <ul style="list-style-type: none"> — il-pentaidrat tas-sulfat kupriku; il-karbonat kupriku, idrossiklorur tar-ram; karbonat ferruż, — l-ossidu taż-żingu; l-ossidu manganuż, l-ossidu kupriku. <p>Għalf komplimentari</p> <p>ħlief:</p> <ul style="list-style-type: none"> — l-għalf minerali, — l-għalf komplimentari għall-annimali domestiċi li fih ħut, annimali oħra tal-baħar u prodotti li ġejjin minnhom u/jew smida mill-alka tal-baħar u materjali tal-għalf li ġejjin mill-alka tal-baħar, — Formulazzjonijiet ta' forniment fit-tul tal-għalf għal għanijiet partikolari tan-nutrimet b'konċentrazzjoni ta' elementi traċċa 100 darba ogħla mill-kontenut massimu stabbilit f'għalf komplut. <p>Għalf komplut</p> <p>ħlief:</p> <ul style="list-style-type: none"> — l-għalf komplut għall-ħut u l-annimali bil-pil, — l-għalf komplut għall-annimali domestiċi li fih ħut, annimali oħra tal-baħar u prodotti li ġejjin minnhom u/jew smida mill-alka tal-baħar u materjali tal-għalf li ġejjin mill-alka tal-baħar. 	<p>2</p> <p>4</p> <p>4 (²)</p> <p>10</p> <p>15</p> <p>20</p> <p>25 (²)</p> <p>40 (²)</p> <p>50</p> <p>30</p> <p>50</p> <p>100</p> <p>4</p> <p>12</p> <p>10 (²)</p> <p>30</p> <p>2</p> <p>10 (²)</p> <p>10 (²)</p>

▼ **M18**

Sustanza mhux mixtieqa	Prodotti maħsuba għall-għalf tal-annimali	Livelli massimi f' mg/kg (ppm) relatati ma' għalf b'kontenut tal-ilma ta' 12 %
2. Kadmju	Materjali tal-għalf ta' oriġini veġetali	1
	Materjali tal-għalf ta' oriġini mill-annimali	2
	Materjali tal-għalf ta' oriġini minerali,	2
	hliief:	
	— fosfati.	10
	Addittivi tal-għalf li jappartjenu għall-gruppi funzjonali ta' komposti ta' elementi traċċa,	10
	hliief:	
	— l-ossidu kupriku, l-ossidu manganuż, l-ossidu taż-żingu u s-sulfat manganuż monoidrat.	30
	Addittivi tal-għalf li jappartjenu għall-gruppi funzjonali tal-aġenti li jgħaqqdu u tal-aġenti kontra t-tagħqid	2
	Pretaħlitiet ⁽⁶⁾	15
	Għalf komplimentari	0,5
	hliief:	
	— għalf minerali	
	— — li fih < 7 % fosforu ⁽⁸⁾	5
	— — li fih ≥ 7 % fosforu ⁽⁸⁾ ;	0,75 għal kull 1 % fosforu ⁽⁸⁾ , b'massimu ta' 7,5
— għalf komplimentari għall-annimali domestiċi,	2	
— Formulazzjonijiet ta' forniment fit-tul tal-għalf għal għanijiet partikolari tan-nutrimet b'konċentrazzjoni ta' elementi traċċa ogħla minn 100 darba l-kontenut massimu stabbilit f'għalf komplut.	15	
Għalf komplut	0,5	
hliief:		
— għalf komplut għall-bovini (hliief għoġġiela), nagħaġ (hliief ħrief), mogħoż (hliief gidien) u ħut,	1	
— għalf komplut għall-annimali domestiċi.	2	
3. Fluworu ⁽⁷⁾	Materjali tal-għalf	150
	hliief:	
	— il-materjali tal-għalf li ġejjin mill-annimali, hliief krustaċji tal-baħar bħall-frott tal-baħar;	500
	— il-krustaċji tal-baħar bħall-krill;	3 000
	— il-fosfati;	2 000
	— il-karbonat tal-kalċju; il-karbonat tal-kalċju u tal-manjeżju ⁽¹⁰⁾ ;	350
	— l-ossidu tal-manjeżju;	600
	— l-alka tal-baħar kalkarja.	1 000

▼ **M16**

▼ **M16**

Sustanza mhux mixtieqa	Prodotti maħsuba għall-għalf tal-annimali	Livelli massimi f' mg/kg (ppm) relatati ma' għalf b' kontenut tal-ilma ta' 12 %
	Vermikulit (E561).	3 000
	Għalf kumplementari:	
	— li fih ≤ 4 % fosforu ⁽⁸⁾ ;	500
	— li fih > 4 % fosforu ⁽⁸⁾ .	125 għal kull 1 % fosforu ⁽⁸⁾
	Għalf komplut	150
	ħlief:	
	— l-għalf komplut għall-ħnieżer;	100
	— l-għalf komplut għat-tjur (ħlief il-flieles) u l-ħut;	350
	— l-għalf komplut għall-flieles;	250
	— l-għalf komplut għall-baqar, in-nagħaġ u l-mogħoż	
	- - li qed iredgħu;	30
	- - oħrajn.	50
	Materjali tal-għalf	10
	ħlief:	
	— magħlef ⁽³⁾ ,	30
	— il-fosfati u l-algi kalkarji tal-baħar,	15
	— il-karbonat tal-kalċju; il-karbonat tal-kalċju u tal-manjeżju ⁽¹⁰⁾ ,	20
	— il-ħmejjer.	5
	Addittivi tal-għalf li jappartjenu għall-gruppi funzjonali ta' komposti tal-elementi traċċa,	100
	ħlief:	
	— l-ossidu taż-żingu,	400
	— l-ossidu manganuż, il-karbonat ferruż, il-karbonat kupriku.	200
	Addittivi tal-għalf li jappartjenu għall-gruppi funzjonali tal-aġenti li jgħaqqdu u tal-aġenti kontra t-tagħqid,	30
	ħlief:	
	— il-klinoptilolite ta' oriġini vulkanika; natrolite-fonolite.	60
	Pretaħlitiet ⁽⁶⁾	200
	Għalf komplimentari	10
	ħlief:	
	— għalf minerali,	15
	— Formulazzjonijiet ta' forniment fit-tul tal-għalf għal għanijiet partikolari tan-nutrimet b'konċentrazzjoni ta' elementi traċċa 100 darba ogħla mill-kontenut massimu stabbilit fl-għalf komplut.	60
	Għalf komplut.	5

▼ **M18**4. Ċomb ⁽¹²⁾

▼ **M16**

Sustanza mhux mixtieqa	Prodotti maħsuba għall-għalf tal-annimali	Livelli massimi f' mg/kg (ppm) relatati ma' għalf b'kontenut tal-ilma ta' 12 %	
5. Merkurju ⁽⁴⁾	Materjali tal-għalf	0,1	
	ħlief:		
	— ħut, annimali oħra tal-baħar u prodotti li ġejjin minnhom;	0,5	
	— il-karbonat tal-kalċju; il-karbonat tal-kalċju u tal-manjeżju ⁽¹⁰⁾ .	0,3	
	Għalf kompost	0,1	
	ħlief:		
	— l-għalf minerali;	0,2	
	— l-għalf kompost għall-ħut;	0,2	
	— l-għalf kompost għall-klieb, il-qtates u l-annimali bil-fer.	0,3	
	6. Nitrit ⁽⁵⁾	Materjali tal-għalf	15
ħlief:			
— ħut mitħun,		30	
— silaġġ,		—	
— prodotti u prodotti sekondarji mill-pitravi zokkrija u l-kannamiela u mill-produzzjoni tal-lamtu u x-xorb alkoħoliku.		—	
Għalf komplut		15	
ħlief:			
— għalf komplut għall-klieb u l-qtates b'kontenut ta' umdità li jaqbeż l-20 %.		—	
7. Melamina ⁽⁹⁾		Għalf	2,5
		ħlief:	
	— ikel fil-laned għall-annimali domestiċi	2,5 ⁽¹¹⁾	
	— l-addittivi tal-għalf li ġejjin:		
	- - l-aċidu aċetiku gwanidino (GAA);	—	
	- - urea;	—	
	- - bjuret.	—	

▼ **M14**

- ⁽¹⁾ Il-livelli massimi jirreferu għall-arseniku totali.
- ⁽²⁾ Fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti, l-operatur responsabbli jrid iwettaq analiżi biex juri li l-kontenut tal-arseniku inorganiku huwa anqas minn 2 ppm. Din l-analiżi hija partikolarment importanti għall-ispeċi tal-alka tal-baħar *Hizikia fusiforme*.
- ⁽³⁾ Il-maġhlef jinkludi prodotti li huma maħsuba għall-għalf tal-annimali, inkluż it-tiben, is-silage, il-ħaxix frisk, eċċ.
- ⁽⁴⁾ Il-livelli massimi jirreferu għall-merkurju totali.
- ⁽⁵⁾ Il-livelli massimi huma espressi bħala nitrit tas-sodju.
- ⁽⁶⁾ Il-livell massimu stabbilit għall-pretaħlitiet iqis l-addittivi bl-ogħla livell ta' ċomb u kadmju u mhux is-sensittività għaċ-ċomb u l-kadmju tal-ispeċi differenti tal-annimali. Kif stipolat mill-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali (ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29), sabiex tiġi protetta s-saħħa tal-annimali u tal-pubbliku, hija r-responsabbiltà tal-produttur tal-pretaħlitiet li jaċċerta li, flimkien mal-konformità mal-livelli massimi tal-pretaħlitiet, l-istruzzjonijiet għall-użu tal-pretaħlitiet ikunu f'konformità mal-livelli massimi għall-għalf komplementari u komplut.
- ⁽⁷⁾ Il-livelli massimi jirreferu għal determinazzjoni analitika tal-fluworu, fejn l-estrazzjoni ssir bl-aċidu idrokloriku 1 N għal 20 minuta f'temperatura ambjentali. Proċeduri ta' estrazzjoni ekwivalenti jistgħu jiġu applikati fejn jista' jintwera li l-proċedura ta' estrazzjoni użata għandha l-istess effiċjenza ta' estrazzjoni.
- ⁽⁸⁾ Il-% tal-fosforu huwa relatat ma' għalf b'kontenut tal-ilma ta' 12 %.
- ⁽⁹⁾ Il-livell massimu jirreferi biss għall-melamina. L-inklużjoni ta' komposti strutturalment relatati – l-aċidu ċjanuriku, l-ammelina, u l-ammelur fil-livell massimu se titqies iktar tard.
- **M16** ⁽¹⁰⁾ Il-karbonat tal-kalċju u tal-manjeżju jirreferi għat-taħlita naturali tal-karbonat tal-kalċju u tal-karbonat tal-menjeżju kif deskritta fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 575/2011 tas-16 ta' Ġunju 2011 dwar il-Katalgu tal-materjali tal-għalf (ĠU L 159, 17.6.2011, p. 25). ◀
